# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Ħamsin (56)**

**9 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum.

56.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**56.2 L-applikazzjoni ta' żvilupp PA/04782/22**

56.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jiddiskuti l-applikazzjoni ta' żvilupp b'numru ta' riferenza PA/04782/22.

56.2.2 Is-Sindku innota li din l-applikazzjoni tittratta żvilupp li huwa propost li jsir f'sit li jinsab fi Triq il-Mitħna, Xagħra Għawdex, ftit passi 'l bogħod mit-Tempji tal-Ġgantija u l-Mitħna Ta' Kola. Huwa qal li l-perijodu li matulu jistgħu jitressqu oġġezzjonijiet għal dan il-proġett jiskadi nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022.

56.2.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda unanimament li għandna nitolbu lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali bħala l-kustodju tal-wirt kulturali u nazzjonali ta' pajjiżna u lil *Heritage Malta* bħala l-amministratur tat-Tempji tal-Ġgantija u tal-Mitħna Ta' Kola sabiex iressqu oġġezzjoni għal dan il-proġett li ser ikun qed jimmina l-i*status* ta' dawn iż-żewġ siti storiċi important fil-lokalita' tagħna.

56.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |